**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Emanuel Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 133/17**

**Illum, 18 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Emanuel Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 107668M akkuzat talli: Nhar it-18 ta'

Marzu 2017, ghal habta tal-10:00 a.m., fi Triq il-Velleran, il-Fgura, f'Malta

minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-mara tieghu Sonia Mifsud, griehi ta' natura gravi, jew igibilha disordni f'mohhha kif iccertifikat Dr. Maria Stella Cutajar Reg. No. 2069 mic-Centru tas-Sahha Paola u dan bi ksur tal-Artikli 216, 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Sonia Mifsud sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici bi ksur tal-Artikli 339(d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Sonia Mifsud, u minn issa tapplika l-proveddimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sonia Mifsud ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disa' (9) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe':

- Fl-Artikoli 214; 215; 216 u 222 (1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339 (1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hi kwazi netta u li ma turix l-ebda kundanna ta' vjolenza domestika passata;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat feriti gravi fuq l-ex mara tal-imputat u cioe' Sonia Mifsud nhar it-tmintax (18) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00 a.m.) fi Triq il-Velleran, Fgura.

Illi fil-bidu ta' dawn il-proceduri l-parte civile u cioe' Sonia Mifsud ddikjarat bil-gurament fis-seduta tas-sittax (16) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017) illi hija kienet qed tahfer lir-ragel taghha u kienet disposta li ma tixhidx fil-konfront tieghu u li kienet ukoll ser tirrinunzja ghal dak li kien rinunzjabbli u dan ghaliex kien incident ta' darba u minn dakinhar 'l hawn

huma kienu qeghdin jitkellmu b'mod civili. Illi pero' u gialadarba l-feriti kienu jikkonsistu f'feriti gravi, l-Avukat Generali insista li hija tixhed.

Illi mix-xhieda tal-istess <u>**Sonia Mifsud**</u> sussegwentement ghad-dikjarazzjoni taghha datata tmienja (8) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017) hija regghet tenniet illi gialadarba hija oramaj legalment separata minn mar-ragel taghha u li huma jitkellmu b'mod civili, ma riditx tixhed fil-konfront tieghu u reghhet kkonfermat illi hija kienet hafritlu. Din id-dikjarazzjoni kienet regghet giet ikkonfermata bil-gurament permezz ta' xhieda taghha datata hdax (11) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018).

Illi l-kumplament tax-xhieda kienu membri tal-pulizija li xehdu fuq l-investigazzjoni u fuq ir-rapport tal-parte civile li ftit li xejn jaghtu dawl ghal dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk il-Qorti tenut kont li l-imputat ma kellu l-ebda precedent penali b'mod specjali rigwardanti vjolenza domestika u tenut kont tar-revoka tal-kwerela min-naha tal-

parte civile, u tenut kont tan-nuqqas ta' provi, qed tillibera lill-imputat **Emanuel Mifsud** mill-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**